MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2015

Numru 170/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Bernard Charles Spiteri]**

**vs**

**Mario Grech**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mario Grech, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 15359G, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> Nhar l-1 ta' Mejju, 2012, f'xi hin bejn is-06:00 ta' filghaxija u s-06:30 ta' filghaxija, waqt li kien qieghed gewwa triq ta' Ghammar, Ghasri u jew fil-vicinanzi:-
>
> 1. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' George Borg.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna biza lil George Borg, li ser tintuza vjolenza konrih jew kontra l-propjeta' tieghu.

Il-Qorti giet mitluba illi minhbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurata' ta' George Borg u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' flus li tigi ffisata mill-Qorti.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' April, 2014, li biha l-Qorti:

1. Sabet lill-imputat hati tal-ewwel akkuza, u wara li rat l-artikoli 221(1) u (3)(b) u 11(1) tal-Kap. 9, immultatu s-somma ta' mitt ewro (€100) ghal din l-akkuza;

2. Sabithu hati wkoll tat-tieni akkuza u wara li rat l-artikolu 338(dd) immultatu hamsa u ghoxrin ewro (€25) ghal din l-akkuza;

3. Illiberatu mit-tielet akkuza billi ma tirrizultax.

**3.** Billi l-ewwel Qorti irriteniet l-incident wiehed banali uniku, xejn mistenni min-nies b'karigi mportanti bhal ma ghandhom il-persuni nvoluti, iriteniet li ma kienx il-kaz li tintlaqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-protezzjoni tal-vittma.

**4.** Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta' April, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet htija taht l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u allura taht l-artikoli 221(1) u (3)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u

kkundannat lill-imputat multa ta’ mija u hamsa u ghoxrin ewro (€125) u tikkonfermaha fil-bqija u b’hekk tillibera lill-imputat minn kull htija u piena skond il-ligi.

**5.** Rat l-atti tal-kawża u l-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti; semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**6.** Il-fatti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fl-1 ta’ Mejju 2012 ghall-habta ta’ bejn is-6 pm u s-6.30 pm fi triq Ghammar, Ghasri Ghawdex l-imputat Mario Grech u George Borg ġew fl-idejn. L-imputat kellu kamera tar-ritratti f’idu u din ġarrbet ħsara. Inoltre l-istess imputat garrab feriti hfief kif certifikati mit-tabib Dr. Teddy George Farrugia konsistenti f’ferita superficjali fuq il-pala ta’ idu x-xellugija u girfa fuq in-naha ta’ barra tal-minkeb tal-lemin. George Borg ukoll sofra xi feriti hfief fosthom grif fil-minkeb tal-lemin.

**7.** L-imputat qiegħed jappella mis-sejbien ta‘ htija tal-ewwel imputazzjoni konsistenti f’offiżi ta‘ natura hafifa fuq il-persuna ta‘ George Borg u mis-sejbien ta‘ htija tat-tieni imputazzjoni konsistenti fi ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

**8.** Minkejja xi sfumaturi li jimpinġu wkoll fuq konsiderazzjonijiet ta’ natura legali, l-aggravju ewlieni tal-appellant ghar-rigward taz-zewg imputazzjoniiet li dwarhom qieghed jappella jikkonsisti sostanzjalment filli jsostni l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza korrettement iċ-ċirkostanzi partikolari ta’ dan il-każ b’mod li waslet għal konklużjonijiet żbaljati dwar ir-responsabilita’ tiegħu.

**9.** Aggravju iehor tal-appellant jirrigwarda l-piena peress li jsostni li l-piena erogata ghar-reat ta‘ offiza hafifa teccedi l-massimu permess mil-ligi peress li in kwantu l-ewwel Qorti rriteniet l-incident wiehed banali il-piena idonea kellha tkun dik tal-kontravvenzjonijet taht l-artikolu 221(3)(b) tal-Kodici Kriminali.

**10.** Dwar ix-xorta ta’ aggravju invokat mill-imputat appellant fl-appell tieghu il-gurisprudenza ta’ din il-Qorti hi cara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi b’mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta’ dik il-Qorti fl-eventwalità biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**11.** Dwar l-aggravju tal-appellant dwar l-ewwel imputazzjoni ta’ offizi hfief, mill-provi jirrizulta li bejn l-imputat u George Borg kien inqala’ disgwid in konnessjoni max-xoghol taghhom mal-kumpanija Gozo Channel minhabba li l-George Borg kien tal-fehma li l-imputat, kaptan tal-vapuri, ma setax imexxi l-vapuri sakemm ma jipprovdix lill-kumpanija ic-certifikati marittimi validi meħtiega. Fid-data in kwistjoni George Borg kien ghaddej fil-karozza tieghu fi triq Ghammar, Ghasri Ghawdex fejn ghandu r-residenza tieghu l-imputat. F’hin minnhom George Borg beda jdoqq il-horn biex iwarrbu xi turisti li kienu fit-triq. L-imputat hareg mir-residenza tieghu u beda jiehu diversi ritratti ta’ George Borg fil-karozza. Hawnhekk Borg hareg mill-karozza tieghu u habat ghall-imputat u hataflu l-camera minn idejh. It-tnejn li huma ssaraw ma xulxin bl-imputat jipprova jiehu lura l-camera waqt li Borg irrezistih u rreagixxa ghal Grech biex ma jhallix jiehu lura l-camera sakemm il-camera spiccat mal-art mkissra. Fil-kors tal-kollutazzjoni it-tnejn kkagunaw offizi hfief fuq xulxin.

**12.** Ix-xhud Alan Ferrier xehed li:

> “We turned around to see the man had come around the house to take pictures of the man in the car. And I think he’d taken a few pictures and the man in the car took the camera from the man in the house and they started to wrestle over the camera and then the camera was thrown to the ground. And they had started to fight with each other.”[1]

**13.** L-istess xhud kompla jispjega li f’hin minnhom kienu faccata ta’ xulxin u bdew sejrin f’kull direzzjoni ghaliex kienu qed jissaraw ma’ xulxin u li f’hin minnhom ra lill-imputat jaghti daqqiet fuq George Borg waqt li l-imputat kien qieghed jipprova jiehu lura l-camera tieghu, ghalkemm jghid li ma ra lil hadd jaghti lil

[1] Fol 7

haddiehor fuq rasu. Meta mistoqsi jekk fejn qal li ra daqqiet jinghataw jekk dan kienx fil-fatt konsistenti f'sarar (*wrestling*) ghall-camera aktar milli daqqiet lejn xi hadd huwa kkonferma li hekk kien il-każ u li "there wasn't any punching"[2].

**14.** Ix-xhud Bruce Watson, li kien max-xhud Alan Ferrier, jiddeskrivi sostanzjalment l-istess xenarju mpingi mill-istess Ferrier u ripetutament jiddeskrivi dak li ra bejn l-imputat u George Borg bhala "struggle"..

**15.** Minn naha tieghu l-imputat meta ghamel ir-rapport tieghu lill-pulizija staqrrilhom li huwa kien id-dar u sema' daqq ta' horn u ra lil Borg ihares lejn id-dar tieghu. Meta ra hekk qabad il-camera tieghu tar-ritratti u hareg barra u beda jiehu r-ritratti ta' George Borg fil-karozza. Hawnhekk Borg hebb ghalih (ghall-imputat) u beda jsawtu.

**16.** Fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija l-imputat spjega kif huwa u Borg kienu kontinwament jimbuttaw lil xulxin u kif Borg ripetutament hebb ghalih u ddeskrivieh bhala aggressiv.

**17.** Ghalhekk, kunsidrat li dan kien l-istat tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti, din il-Qorti ma ssib xejn irragonevoli fl-apprezzament li dik il-Qorti ghamlet taghhom u fil-konkluzjonijiet li waslet ghalihom a bazi ta' dawk il-provi u ghaldaqstant din il-Qorti ma ssibx raġunijiet sufficjenti sabiex tiddisturba dak l-apprezzament tal-provi u dawk il-konkluzjonijiet.

**18.** L-aggravju tal-apellant dwar il-htija tal-ewwel imputazzjoni ta' offiza hafifa ghalhekk qieghed jigi respint.

**19.** Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi l-aggravju tal-appellant dwar it-tieni imputazzjoni ta' ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied jirrizulta manifestament infondat u ghalhekk qieghed ukoll jigi respint.

[2] Fol 14

**20.** L-appellant, izda, hassu aggravat ukoll bil-piena imposta mill-ewwel qorti ghall-htija tal-ewwel imputazzjoni peress li jsostni li l-piena kellha tkun dik tal-kontravvenzjonijet. L-appellant ghandu ragun f'dan l-aggravju. Di fatti, l-ewwel Qorti, barra li ccitat is-subartikolu (1) tal-artikolu 221 dwar ir-reat ta' offiza hafifa, ccitat ukoll il-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) tal-istess artikolu li jipprovdi l-piena tal-kontravvenzjonijiet meta l-offiza tkun ta' importanza zghira. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta applikat l-artikolu 11(1) tal-Kap. 9 li jirregola l-*quantum* tal-multa, li hi l-piena pekunjarja ghad-delitti mentri kellha tapplika l-artikolu 13(1) rigward l-ammenda li hi l-piena pekunjarja ghall-kontravvenzjonijiet[3]. Konsegwentement din il-Qorti ser tvarja l-piena li inghatat ghall-ewwel imputazzjoni.

Ghall-motivi premessi l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha fejn immultat lill-imputat appellant is-somma ta' mitt euro (€100) ghall-htija tal-ewwel akkuza u minflok ghall-istess htija tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' tmienja u hamsin euro (€58) u tikkonfermha fil-bqija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Ara art. 7 tal-Kodici Kriminali